**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Mario Borg *noe*

*versus*

Joseph Farrugia eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' Farrell

## Notifika ta' Kopji Awtentikati - Avviż tas-Smigħ

*Il-kopji ta' l-atti li bihom tkun proposta azzjoni għandhom ikunu awtentikati mir-Reġistratur li jkunu kopji veri ta' l-oriġinal. L-att taċ-ċitazzjoni u d-dokumenti mieghu annessi - allura nkluża d-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda, u fil-każ tal-proċedura speċjali sommarju taħt l-artikolu 167 anke l-affidavit - għandhom ikunu awtentikati; jistgħu ukoll però jkunu awtentikati f'dikjarazzjoni waħda tar-Reġistratur għall-att sħiħ.*

*L-avviż tas-smigħ mill-banda l-oħra huwa u għandu jitqies li hu att separat mill-att taċ-ċitazzjoni inkwantu jikkostitwixxi ordni distint tal-Qorti* per comparire *fid-data fiha stabbilita u għalhekk il-kopja ta' dan l-att jeħtieġ ukoll li tkun separatament awtentikata.*

Il-Qorti:-

Fil-21 ta' Frar, 1994 il-Qorti tal-Kummerċ tat din is-sentenza f'kawża trattata bil-proċedura speċjali sommarja prevista fl-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fis-somma ta' tlett elef, mitejn u wieħed u għoxrin lira u erba' ċenteżmi (Lm3,221.04,0) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' *bathroomware* u madum lilu mibjugħa u disenjati mis-soċjetà attriċi;

Premess illi għalkemm interpellat sabiex iħallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li għalhekk il-konvenut jgħid għaliex għar-raġunijiet premessi u dispensat is-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u in vista ta' l-affidavit ta' Mario Borg (Dok. A) m'għandhiex din il-Qorti:

Tikkundannah iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm3,221.04 fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra bonarja tal-15 ta' Settembru, 1993 u bl-imgħax legali mill-1 ta' Marzu, 1988,

kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine* debitament imwettqa bil-ġurament u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi u lanqas deher meta msejjaħ għaliex iwieġeb għat-talba attriċi kif dedotta;

Semgħet ix-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Eżaminat l-atti tal-kawża u rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba attriċi tirriżulta ppruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi kif dedotta u għall-ammont mitlub kompriż il-kap ta' l-ispejjeż u interessi legali kif mitlub sal-ħlas effettiv";

Il-konvenut kontumaċi appella minn din is-sentenza fuq diversi kapi ta' proċedura u anke fil-mertu. L-aggravji proċedurali huma s-segwenti:

"In-notifika taċ-ċitazzjoni in kwistjoni saret b'mod irregolari u in kontravvenzjoni ta' l-artikolu 1871 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, billi l-persuna li ġiet imħollija magħha ċ-ċitazzjoni mhijiex waħda minn dawk il-persuni msemmija fl-istess artikolu;

Il-kopja taċ-ċitazzjoni servita lill-esponent appellant mhijiex regolari billi mhijiex ċertifikata mir-Reġistratur tal-

Qorti bħala "vera kopja ta' l-oriġinal" u dana in kontravvenzjoni ta' l-artikolu 191 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għal dan l-iskop, l-esponent wara li jiġi hekk awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti lest li jesebixxi l-kopja taċ-ċitazzjoni li waslet għandu;

Mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, l-proċedura stabbilita mil-liġi fl-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma ġewx segwiti bir-reqqa mill-attur *nomine* billi l-affidavit tiegħu mhuwiex uniformi mad-disposizzjonijiet kollha ta' l-istess artikolu, partikolarment mal-proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 167 u s-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu;

F'dan ir-rigward jiġi rilevat illi l-attur *nomine* appellat naqas li jiddikjara illi hu jaf personalment il-fatti dikjarati fl-affidavit u li hu ġie regolarment awtorizzat mis-soċjetà kummerċjali attriċi biex jagħmel l-istess affidavit";

Dawn l-aggravji proċedurali huma kollha ta' sostanza inkwantu jaffettwaw ir-ritwalità tal-proċedura kemm f'dak li jirrigwarda r-regolarità ta' l-atti li bihom ġiet proposta l-azzjoni kif ukoll ir-regolarità tan-notifika tagħhom lill-konvenut. Huma aggravji li jekk pruvati jinfiċċjaw il-proċeduri;

L-artikolu 191 (2) jipprovdi li l-kopji ta' l-atti "għandhom ikunu awtentikati mir-Reġistratur li jkunu kopji veri ta' l-oriġinal". Dan hu rekwiżit li japplika għal kull att li kopja tiegħu għandha tiġi skond il-liġi notifikata lill-kontroparti. Għandu ukoll ikun paċifiku li l-att taċ-ċitazzjoni u d-dokumenti miegħu annessi - allura nkluża d-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda; u fil-każ tal-proċedura speċjali sommarja taħt l-artikolu 167 anke l-affidavit għandhom ikunu awtentikati. Jistgħu ukoll però jkunu awtentikati f'dikjarazzjoni waħda tar-

Reġistratur għall-att sħiħ. L-avviż tas-smigħ mill-banda l-oħra huwa u għandu jitqies li hu att separat mill-att taċ-ċitazzjoni inkwantu jikkostitwixxi ordni distint tal-Qorti *per comparire* fid-data fiha stabbilita u għalhekk il-kopja ta' dan l-att jeħtieġ ukoll li tkun separatament awtentikata;

Issa mill-atti jirriżulta ppruvat illi filwaqt li l-kopja ta' l-avviż għas-smigħ notifikata lill-konvenut ġiet debitament awtentikata bħala vera kopja mir-Reġistratur, l-att taċ-ċitazzjoni u d-dokumenti miegħu annessi ma ġew bl-ebda mod hekk awtentikati. Il-Qorti nnotat ukoll illi l-kopji li ġew notifikati lill-konvenuti lanqas huma kopji fidili ta' l-atti oriġinali li bihom ġiet promossa l-azzjoni. Jeħtieġ li l-kopji jkunu fidili għall-oriġinal kif ikun meta dan jiġi ppreżentat u mħallas. Għandu allura jirriżulta ukoll fil-kopja l-ġurament li bih ġie kkonfermat l-affidavit anness ma' l-att taċ-ċitazzjoni u dana ukoll fil-kuntest tal-proċedura speċjali taħt l-artikolu 167 fejn hu element essenzjali tal-proċediment; kif lanqas f'dan il-każ tirriżulta fil-kopja tad-dikjarazzjoni ġuramentata annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni, notifikata lill-konvenut, il-konferma tagħha bil-ġuramet mill-attur. Żewġ dettalji importanti li jiswew biex jidentifikaw dawn l-atti ġudizzjarji bħala kopji fidili ta' l-*oriġinal bir-rekwiżiti kollha li l-liġi timponi li jkollhom.* Jirriżulta allura li f'dan ir-rigward il-kopji notifikati lill-konvenut kienu mankanti. Element ieħor essenzjali *ad validitatem* fl-att taċ-ċitazzjoni li ma *jirriżultax fil-kopja* notifikata lill-konvenut hi d-dikjarazzjoni li l-att taċ-ċitazzjoni jkun mogħti taħt l-awtorità ta' Qorti, f'dan il-każ il-Qorti tal-Kummerċ, presjeduta mill-Imħallef li jippresediha identifikat b'ismu u b'dik id-data li l-Qorti tkun ordnat in-notifika ta' l-atti lill-konvenut kif ukoll il-firma ta' l-istess Imħallef. Kollha elementi *sine qua non* għal validità ta' l-att taċ-ċitazzjoni li l-konvenut kellu kull jedd li jkollu viżjoni tagħhom fil-kopji lilu notifikati;

Ċertament allura n-notifika ta' l-atti lill-konvenut ma kinitx ritwali u kienet nulla u bla effett fil-liġi. L-irritwalità tmur oltre s-sanzjoni li hemm previst fl-artikolu 192 tal-Kap. 12 li tagħti l-jedd lill-konvenut għall-kopja oħra li għandha tiġi magħmula skond dak l-artikolu bi spejjeż ta' min ikun għamel il-kopja mhux regolari. Fil-proċeduri ordinarji l-konvenut għandu dritt jitlob għal dik il-kopja fi żmien jumejn mill-kunsinna tal-kopja mhux regolari, "u f'dan il-każ meta jkun hemm żmien stabbilit, dan iż-żmien ma jibdix jgħodd qabel tiġi komunikata l-kopja t-tajba". Terminu li ma japplikax għall-każ tal-proċedura speċjali taħt l-artikolu 167 inwkantu taħt din il-proċedura l-konvenut hu mistenni li jidher quddiem il-Qorti biex jopponi t-talba fil-ġurnata stabbilita li, fiż-żmien rilevanti u ċjoè qabel l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995, anke seta' kien minn ħin għall-ieħor. Ma kienx hemm allura t-terminu relattivament twil li ġie introdott f'dawk l-emendi li jistipulaw li s-smigħ kellu jkun mhux aktar kmieni mill-ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika. Kien hemm biss ir-rekwiżit tan-notifika ta' l-atti lill-konvenut. Notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni, tad-dikjarazzjoni u kull affidavit u nota li ssir miegħu kif ukoll ta' l-ordni msemmi fl-artikolu 168 u 169. Notifika li kellha tkun ritwali u regolari u mhux kif jirriżulta li saret fil-każ in eżami difettuża f'elementi l-aktar essenzjali tagħha;

Is-subinċiż 2 ta' l-artikolu 170 tal-Kap. 12 jipprovdi illi "meta l-konvenut jirnexxilu jattakka l-proċediment fuq il-bażi ta' irregolarità" hu għandu jingħata mill-Qorti l-permess li jopponi l-azzjoni u li jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data ta' l-ordni imsemmi fis-subartikolu 4 ta' dak l-artikolu u ċjoè fl-ordni li l-kawża kellha f'dawk iċ-ċirkostanzi tiġi mismugħa u deċiża fil-kors ordinarju tagħha;

Hu ċar li hekk għandu jsir fil-każ taħt eżami u dana naturalment wara li tiġi dikjarata nulla u bla effett fil-liġi s-

sentenza appellata. Hu ċar ukoll li fiċ-ċirkostanzi kif jirriżultaw, ikun għal kollox inutili u superfluwu li din il-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-oħra sollevati mill-konvenut dwar ir-ritwalità tal-proċeduri anke jekk uħud minnhom jidhru li huma ukoll validi;

L-appell jimmerita għalhekk li jiġi milqugħ;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-21 ta' Frar, 1994 fl-ismijiet fuq premessi hija irrita, nulla u bla effett fil-liġi inkwantu hu ppruvat li n-notifika ta' l-atti lill-konvenut kienet għal kollox irregolari u konsegwentement tirrevokaha. Tirrimetti l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex il-kawża titkompla tinstema' bil-proċedura ordinarja wara li l-istess atti jiġu debitament u korrettement notifikati lill-konvenut;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a kariku ta' l-appellat.